MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-18 ta' April, 2006

Talba Numru. 6/2006

**R.G.A Trading**

**vs**

**Joseph Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mija tminienja u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,148.50c) rapprezentanti disgha mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm928.72c) dovut fuq merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lilek fuq istruzzjonijiet tieghek stess u mitejn u dsatax-il lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm219.78c) interessi mid-data ta' kull konsenja sa illum 17 ta' Jannar 2006; oltre l-interessi fuq

din is-somma dekorribbli mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra interpellatorja tas-27 ta’ Awissu 2004 u tal-Ittra Uficjali ta’ Settembru 2004 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt.”

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat fit-2 ta’ Frar 2006 ma pprezentax risposta u ma deherx ghas-seduti tat-Tribunal.

Sema’ x-xhieda tal-Perit Ray Agius direttur tas-socjeta’ attrici.

U billi t-talba attrici tinstab ippruvata

It-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-istess talba billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ LM1,148.50c rapprezentanti LM928.72c prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkunsinnata u LM219.78c interessi sas-17.01.2006 oltre l-interessi legali mit-18.01.2006 sad-data tal-hlas effettiv bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja ta’ 27.08.2004 u l-ittra ufficcjali ta’ Settembru 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------